MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 307/2004

**Arthur Douglas Turner**

***Versus***

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob korrezzjoni f'atti ta' l-istat ċivili.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur huwa iben Ronald Turner. Fl-Att ta' Twelid ta' Ronald Turner, hemm żball għax isem missier Ronald Turner ġie muri bħala Arthur Douglas Turner flok Douglas Arthur Turner, kif kien jismu tassew.

L-attur għalhekk talab illi l-qorti:

1. tgħid illi l-isem ta' missier Ronald Turner huwa Douglas Arthur Turner;
2. tordna li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid billi, taħt il-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier", minflok l-isem "Arthur Douglas" jidħol l-isem "Douglas Arthur"; u

3. tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fl-atti kollha fejn l-isem ta' missier Ronald Turner huwa muri bħala "Arthur Douglas" flok "Douglas Arthur".

B'nota tat-13 t'Awissu 2004 l-attur kompla fisser illi l-atti ta' l-istat ċivili li jeħtieġu korezzjoni huma l-Att ta' Twelid ta' Ronald Turner, numru 6395 ta' l-1941, l-Att ta' Żwieġ bejn Ronald Turner u Maria Assunta Buħagiar, numru 392 ta' l-1964, u l-Att ta' Twelid ta' l-attur stess, numru 496 ta' l-1965. Waqt is-seduta tat-22 t'Ottubru 2004, iżda, għarraf lill-qorti illi l-Att ta' Żwieġ numru 392 ta' l-1964 kien korrett wara proċeduri oħra, u għalhekk korrezzjoni ta' dak l-att ma hijiex meħtieġa.

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet il-konvenut wieġeb illi tassew illi missier missier l-attur kien jismu Douglas Arthur iżda, billi ma kien hemm ebda nuqqas min-naħa tal-konvenut, hu ma għandux jeħel spejjeż.

Il-qorti, wara li rat illi hemm qbil bejn il-partijiet, u illi saret il-pubblikazzjoni li jrid l-art. 253(3) tal-Kodiċi Ċivili, taqta' din il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tordna illi:

1. fl-Att ta' Twelid ta' Ronald Turner, numru 6395 ta' l-1941, fejn hemm it-tagħrif dwar isem u kunjom il-missier tat-tarbija, tordna li jitħassar l-isem "Arthur Douglas" u minflok jidħol l-isem "Douglas Arthur"; u
2. fl-Att ta' Twelid ta' l-attur Arthur-Douglas Turner, numru 496 ta' l-1965, fejn hemm it-tagħrif dwar isem u kunjom missier missier it-tarbija, tordna li jitħassar l-isem "Arthur" u minflok jidħol l-isem "Douglas Arthur".

L-ispejjeż ġudizzjarji għandu jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------